# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Gimgha, 29 ta' Settembru, 2000**

**Numru: 5**

**Citazzjoni Numru: 1238/95 JF**

**Joseph Zammit**

**vs**

**Wayne Chetcuti ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' "Footloose Catering Company Limited"**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li l-attur ghandu jithallas minghand il-konvenut nomine s-somma bilancjali ta' elf u sebghin lira Maltin (Lm1070) fuq hgieg "double-glazed" mibjugh u konsenjat lill-konvenut nomine.

U premess li l-konvenut nomine gie interpellat biex ihallas din is-somma lill-attur izda baqa' inadempjenti.

Talab li l-konvenut nomine, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:

1. Tikkundannah ihallas is-somma bilancjali ta' elf u sebghin lira Maltin (Lm1070) kif hawn fuq spjegat.

Bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja tal-imsemmija merkanzija u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Lulju 1994, tal-5 ta' Ottubru 1994 u tas-16 ta' Jannar 1995 u tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Awissu 1994 u tal-mandat ta' qbid Numru _______ kontra l-konvenut nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Wayne Chetcuti nomine fejn exxepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-hgieg mibjugh u kkonsenjat mill-istess attur ma kienx tal-kwalita' pattwita, kif jigi ppruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma eccessivi billi l-prezz originarjament kwotat mill-attur kien jinkludi wkoll il-prezz ghat-twahhil tal-hgieg, liema xoghol baqa' ma giex ezegwit mill-attur izda minn persuni mqabbda mis-socjeta' esponenti.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba kontra l-attur fejn il-konvenut nomine wara li ppremetta:-

Illi l-konvenut nomine kien ordna minghand l-attur konsenja ta' hgieg "double-glazed" illi, skond is-'salesman' tal-istess attur, kellu jkun tal-kwalita' "sound-proof".

Illi l-prezz kwotat mill-attur ghal din il-konsenja, accettat mill-konvenut nomine, kien jinkludi wkoll il-prezz ghat-twahhil tal-istess hgieg fil-fond tal-konvenut nomine, gewwa San Giljan, fejn effettivament gie konkluz u miftiehem dan il-kuntratt.

Illi l-hgieg ikkonsenjat mill-attur irrizulta li ma kienx tal-kwalita' pattwita, billi ma kienx "sound-proof", u in oltre, l-attur, lanqas ma ezegwixxa x-xoghol ta' twahhil ta' dan il-hgieg, kif kien obbligat li jaghmel.

Illi, nonostante interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni ta' dak l-ammont illi bih il-prezz tal-hgieg kien jimmerita li jigi mnaqqas ghar-ragunijiet fuq spjegati, l-attur baqa' inadempjenti.

Talab li dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni necessarja w opportuna:

1. Tiddikjara illi l-hgieg kkonsenjat mill-attur ma kienx tal-kwalita' pattwita u li, in oltre, l-attur naqas milli jadempixxi l-obbligi kollha tieghu skond il-kuntratt relattiv ghall-bejgh ta' din il-konsenja tal-hgieg;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, dik is-somma illi timmerita, ghar-ragunijiet fuq spjegati, illi tigi mnaqqsa mill-prezz tal-hgieg ikkonsenjat lill-konvenut nomine;

3. Tikkundanna lill-attur jirrifondi ossija jhallas lill-konvenut nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn ighid bir-rispett:

1. Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenut nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex l-attur ikkonsenja l-hgieg in kwistjoni skond il-kwalita pattwita u mhux minnu dak li qed jigi allegat fic-citazzjoni illi hu naqas milli jadempixxi l-obbligi kollha tieghu skond il-kuntratt relattiv ta' bejgh ta' din il-konsenja ta' hgieg in kwistjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat li f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob minghand is-socjeta' konvenuta hlas bilancjali, per saldu, is-somma ta' elf u sebghin lira Maltija (Lm1,070) in konnessjoni ma' fornitura ta' hgieg "double-glazed" maghmula lill-konvenut nomine.

Illi jirrizulta li s-socjeta' konvenuta m'hijiex tikkontesta li dan il-hgieg ma giex tassew ikkonsenjat imma qeghda teccepixxi li ma kienx tal-kwalita' pattwita u sussidjarjament billi t-twahhil tieghu sar minnha stess, illi ghalhekk se mai l-ispejjez ghat-twahhil kellu jitnaqqas mill-prezz mitlub mill-attur.

Illi, qabel xejn, ghandu jinghad li proprjament mill-provi prodotti jirrizulta li l-bilanc dovut kellu jkun ta' Lm1,090.00c0 u mhux kif mitlub, imma galadarba ma gie mibdul xejn mit-talba attrici, is-sorte jibqghu dawk li huma fl-att tac-citazzjoni.

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta timpernja ruhha fuq dak li sewwa sew gie miftiehem bejn il-kontendenti. Fil-fatt anke it-tieni eccezzjoni tistrieh fuq dak li gie sewwa sew miftiehem bejn il-kontendenti.

Min-naha tieghu l-attur xehed li l-ftehim kien ta' fornitura ta' "laminated glass" ghal prezz determinat minghajr pero' ma kien jikkomprendi jew jinkludi t-twahhil.

Min-naha l-ohra, il-konvenut nomine xehed li r-raguni tal-ordni kienet gejja mill-fatt li huma kellhom problemi regolari mal-Pulizija minhabba li mill-istabbiliment "Footloose" kien qieghed johrog hoss eccessiv tal-

muzika li kienet tindaqq go fih u billi dan il-hoss kien jinstema' minn barra, riedu jwaqqfu milli dan is-"sound" jibqa' johrog 'l barra. Kien ghalhekk, jghid il-konvenut nomine, il-ghala gie deciz li jordnaw hgieg minghand l-attur. Fil-fatt, wara li dan il-hgieg twahhal fil-post imsemmi, il-problemi tal-hsejjes baqghu hemm ghar-raguni li l-hgieg supplit mhux tassew kien "sound proof". Tant hu hekk li in segwitu s-socjeta konvenuta ordnat hgieg addizzjonali a spejjez taghha, liema hgieg (mixtri minghand terz) gie mqieghed f'qafas tal-aluminium u mwahhal fuq 'il barra tal-iehor li kien gie supplit mill-attur kif gja nghad <u>supra</u>.

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-ftehim inizjali ma ntalhaqx direttament bejn l-attur u l-konvenut nomine, imma bejn is-"salesman" tal-attur u l-konvenut nomine Wayne Chetcuti. Jirrizulta wkoll li minbarra l-"quotation" - Dok JZ (fol. 54 tal-process) ma tnizzel xejn aktar bil-miktub. <u>Il-ftehim kien wiehed bil-fomm</u>. Mhux hekk biss imma skond Frank Barbara, ex-salesman mal-attur, id-diskors inizjali sar bejnu u bejn is-segretarja tas-socjeta' konvenuta Tanya Bugeja.

Illi minn dak li tressaq bhala provi, il-Qorti fehmet li ghalkemm tassew jirrizulta li sar diskors li bit-tqeghid tal-hgieg supplit mill-attur, il-problema tal-hoss kien sejjer jonqos jew jittaffa, madanakollu minn imkien ma jirrizulta li inghatat xi assigurazzjoni esplicita u kategorika min-naha tal-attur li bit-tqeghid tal-hgieg <u>de quo</u>, l-istabbiliment ikkoncernat kien ser isir "sound proof" mija fil-mija. Di fatti, ix-xhud Frank Barbara spjega li huwa kien fiehem lil Tanya Bugeja illi jekk il-hgieg kellu jitqieghed b'certu mod is-"sound" kien jigi mrazzan b'percentwal ta' cirka sebghin fil-mija (70%), izda li minhabba li l-aperturi kienu tal-injam u kellhom kurvaturi ("ibbowjati") kien ser ikun hemm hrug aktar ta' hoss li jkompli jbaxxi l-percentwal aktar 'l isfel.

Billi l-eccezzjonijiet - jew ahjar l-allegazzjonijiet specifici kontenuti fihom - gew sollevati mill-konvenut nomine kien jispetta lilu li jippruvahom, dan ma jirrizultax li ghamlu soddisfacentement. Anzi l-Qorti osservat hafna indecizjoni kull darba li l-konvenut nomine jew ix-xhieda tieghu gew kontro-ezaminati dwar x'kien ezatt il-ftehim milhuq mal-attur; per ezempju,

(Fol. 48)

<u>Dr. Abela</u>:- Int (i.e. il-konvenut nomine) qed tghid li s-salesman kien avvicinak. Kif jaf x'kellek bzonn?

<u>Xhud</u>:- Jiena nimmagina li jekk niftakar sew imma x-xhieda l-ohra jistghu jghidu, jiena nahseb li kien baghtu l-manager tieghi.

(Fol. 49)

<u>Dr. Abela</u>:- U wrejtu x-xoghol ukoll fejn irid isir?

<u>Xhud</u>: Jekk urejtux jiena personalment jew le ma niftakarx imma nahseb li xi hadd urih zgur.

L-istess indecizjoni juriha l-ko-direttur l-iehor Ugo Chetcuti. Bil-maqlub, kemm l-attur kif ukoll is-"salesman" Barbara xehdu li t-twahhil qatt ma kien parti mill-ftehim. Huma lanqas biss kellhom impjegati ghal dan it-tip ta' xoghol.

Jirrizulta inoltre li biex is-socjeta' konvenuta eliminat il-hsejjes milli jinstemghu minn barra t-triq, hija ghamlet xoghlijiet addizzjonali konsistenti fi hgieg extra mmuntat fuq aperturi godda tal-aluminium.

Jirrizulta pero' li kwantu ghall-hgieg ikkollokat mill-attur is-socjeta' konvenuta baqghet izzommu fil-post u taghmel uzu minnu sal-lum u kwindi din il-Qorti ma tifhimx kif hija tippretendi li ma thallasx tieghu u tintavola wkoll kontro-talba ghal-likwidazzjoni ta' danni subiti minnha meta dan ma kienx il-kaz.

Mill-provi jirrizulta biss ftehim ta' fornitura ta' hgieg "laminated" minghajr twahhil. Jirrizulta li l-hgieg kien tabilhaqq intiz biex inaqqas izjed (u mhux biex jelimina ghal kollox) il-hsejjes u dana billi l-aperturi tal-injam ma kienux idoneji ghal "sound proofing". Jirrizulta wkoll li l-konvenut nomine baqa' sal-lum jaghmel uzu shih tal-hgieg ikkonsenjat lilu mill-attur. Ma jirrizultax li hu sofra danni kif gie premess fil-kontro-talba. Il-bilanc mitlub mill-attur ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi kemm l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine kif ukoll il-kontro-talba tieghu, tilqa' t-talba attrici fl-ammont mitlub u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut nomine jhallas dana l-ammont bl-interessi legali kif mitlub sal-hlas effettiv. Il-kap tal-ispejjez jithallas interament mill-konvenut nomine.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md